Isla
Città Invicta

# Kunsill Lokali Isla

## RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA

## APRIL 2009 – DIĊEMBRU 2009

# Introduzzjoni

## Is-Sitt Leġislatura (2008-2013)

It-tieni sena ta' ħidma tal-Kunsill Lokali Isla fis-sitt leġislatura kienet bejn April u Diċembru 2009.

## Laqgħat tal-Kunsill

Matul din is-sena April 2009 – Diċembru 2009 saru 15 il-laqgħa tal-Kunsill (numru 16 sa' numru 27) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużati |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Joseph Casha (Sindku) | 15 | 13 | - | 2 |
| Justin John Camilleri (Viċi Sindku) | 15 | 14 | - | 1 |
| Walter Ahar (Kunsillier) | 15 | 15 | - | - |
| Larry Abela (Kunsillier) | 15 | 6 | 1 | 8 |
| Charmaine Gerada (Kunsilliera) | 15 | 9 | - | 6 |
| Arthur Perici (Segretarju Eżekuttiv) | 15 | 15 | - | - |

# Grawnd tal-Futbol

Il-proġett tal-*5-a-side synthetic pitch* li sar fl-2008 ġab miegħu ftehiem ta' sentejn mal-kuntrattur sabiex jitħallas ix-xogħol imwettaq. Għal dan il-għan ħabba l-finanzi allokati biex nonoraw dan il-ftehim, il-Kunsill ma setax jimbarka fi proġetti kapitali ġodda. Għal daqstant dan il-proġett jitħallas sa' l-2010 u b' hekk inkunu nistgħu nibdew infasslu l-pjan ta' ħidma fuq proġetti kapitali għall-kumplament tal-leġislatura.

# Xogħol ta' Manutenzjoni:

## Ħaddiema IPSL u CWS (Community Work Scheme)

Xogħlijiet importanti li saru ukoll madwar il-lokalita' tagħna kien jinkludi f'programm ta' manutenzjoni fuq bażi regolari permezzi tal-Ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill flimkien ma' tlett (3) Ħaddiema mill-ETC taħt l-iskema tax-xogħol fil-komunita', liema skema qed nibbenifkaw minna għall-perjodu ta' sitt xhur bejn Settembru 2009 u Marzu 2010. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu żebgħa tal-moll tul ix-Xatt, il-fanali u l-ħadid ta' madwar ix-Xatt ta' l-Isla. Inżebgħu ukoll *railings* tat-toroq u l-ħadid li nsibu fit-toroq bit-taraġ. Sar xogħol fuq tindif ta' *culverts*, tindif ta' Forti San Mikiel, sinjali tat-traffiku, bdil ta' kaptelli u manutenzjoni fit-toroq u bankini kif meħtieġ.

## Road Markings

Il-Ħaddiema taħt l-iskema CWS u dawk ta' l-IPSL wettqgħu x-xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku madwar l-Isla kollha. Bl-użu ta' riżorsi ta' dawn il-ħaddiema l-Kunsill iffranka ammont konsidervoli ta' flus f'dan ir-rigward.

## Street Lighting

Matul is-sena nżamm numru ta' manutenzzjoni fuq id-dawl tat-Toroq fil-Lokalita'.

**Żamma u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u Soft Areas**

Taħt ir-responsabilita' tal-kumpanija Environmental Landscapes Consortium Ltd tkompla ix-xogħol ta' żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u *soft areas* flimkien ma' żbir ta' siġar.

Nistgħu ngħidu li ż-żamma ta' Ġnien il-Gardjola hija ta' livell għoli kif ukoll inżamm xogħol regolari fix-Xatt u Triq il-Ħabs l-Antik.

## Attivitajiet:

**Jum l-Isla**

Għal Jum l-Isla nżammu dawn l-attivitajiet -

- Sports day bil-kollaborazzjoni ta' Senglea Nursery fi Grawnd 31 ta' Mejju 1981.
- Ħarġa u ikla għall-familja.
- Rikonoxximent fis-Sala tal-Kunsill għall-Kumitat Eżekuttiv u dawk il-persuna li taw sehem attiv fid-Djalogu Interkulturali li nżamm f'Mejju 2008.
- Quddies ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika' ta' Marija Bambina.

**Festival Marittimu**

Il-Kunsill Lokali Isla bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, organizza Festival Marittimu, nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju 2009 bejn l-10.00 u l-16.00 fix-Xatt Juan B. Azopardo mill-Maċina sa' l-Ponta ta' l-Isla. Dan l-avveniment kien ippjanat sabiex juri attrazzjonijiet varji għall-interess tar-Residenti, Maltin u Turisti. Ġie maħtur Kumitat Eżekuttiv b'nies li għandhom esperjenzi varji u professjonali fil-qasam ta' festivals u s-settur marittimu.

Taħt din l-iskema l-Kunsill ibbenefika minn € 5,500 mogħtija lilu mis-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni.

Is-sindku Joseph Casha mexxa dan il-Kumitat flimkien mal-membri is-Sur Justin John Camilleri (Viċi-Sindku), is-Sur Arthur Perici (Segretarju Eżekuttiv), is-Sur Joe Abela, is-Sur Frankie Bonello, Dr. Joseph Borg, is-Sur Martin Morana, is-Sur Alan Pullicino, is-Sur Joe Scerri u is-Sur Victor Scerri. L-attrazzjonijiet kienu jinkludu diorama ta' l-*H.M. Naval Base*, inkluż replica ta' sottomarin u rikostruzzjoni ta' tarzna, il-Krejn massiv u li jiffunzjona tradizzjonalment magħruf bħala *il-Macina* iżarma l-arbli tal-bastimenti tal-qlugħ u Tarzna Tradizzjonali Maltija b'nies tas-snajja jeżebixxu x-xogħol tagħhom. L-għeruq taż-żmien Marittimu l-Isla reġgħu ngħataw il-ħajja billi iffukajna fuq preservar ta' tradizzjonijiet, kant folkloristu u esebizzjonijiet fost l-ożrajn. Dan il-Festival Marittimu kien immirat sabiex iqajjem kuxxjenza dwar l-irbit li hemm bejn il-belt ta' l-Isla u l-baħrin. Kien evidenti li kien hemm sens ta' nostalġija meta kien hemm nisa iduru jħorru ġwielaq bi produzzjoni lokali u esebizzjonijiet mis-sajjieda fejn urew irkapti differenti tas-sajd.

Waħda mill-ikbar attrazzjonijiet li kellna kienet dik tal-Maċina, b' repplika tal-krejn li kien jintuża' sabiex ineħħi l-arbli minn fuq il-bastimenti fi żmien il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, imbagħad iżjed tard il-bastimenti tan-Navy Ingliża li kellha din il-gżira bħala l-bażi tagħha fil-Mediterran. Attrazzjoni oħra kienet l-ixprunara, bastiment li kien jintuża' bħala mezz ta' trasport ta' merkanzija u passiġġieri fil-Mediterran. Barraminnhekk l-aċċenn kien

fuq il-Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina sabiex jiġi mfakkar it-8 ta' Settembru matul l-ażżar Tieni Gwerra Dinija meta ċediet l-Italja. L-istorja rikka tar-relazzjonijiet marittima ma' l-Istati Uniti ġiet murija wkoll f'dan il-Festival Marittmu permezz tal-membri tad-*Defence Attache Office* u *Marine Security Guard* mill-Ambaxxata Amerikana fejn ippreżentaw esebizzjoni bl-isem: *US – Malta Maritime Relations: Past and Present.*

Il-Forzi Armati ta' Malta permezz ta' Skwadra Marittima, għamlu esebizzjoni li kienet tinkludi *Swift Patrol Boat* li kienet stazzjonata l-Isla fl-1971. Il-lista tal-parteċipanti hija wisq twila u varjata sabiex toqgħod issemmihom. Huwa suffiċjenti li ssemmi n-numru ta' esebizzjonjiet fuq l-*HMS Illustrious* u l-Isla, Wirja Marittima mill-Kunsill Lokali ta' Holyhead (Wales), is-Senglean Juan B. Azopardo Fundatur tan-Navy Arġentina, Esebizzjoni t'Arti, kant u żfin folkloristiku mill-Menhir Qala *Folk Group* u s-Santa Marija *Accordian Band.* Wieħed seta' wkoll jammira l-pitturi minn artisti u wirja ta' xogħol miċ-ċeramisti. Il-Klabb tas-Senglea Regatta tella' esebizzjoni ta' Dgħajjes tat-Tliegħlaq Tradizzjonali. Kien hemm ukoll organizzati żjarat kulturali madwar diversi postijiet storiċi u knejjes fl-Isla b' servizz ta' gwidi mill-*Institute of Tourism Studies.* L-Assoċċjazzjoni Malta TAMA Tnabar, *Sea Cadtes*, Xgħajra *Scouts Group, Msida Sea Scouts* u l-*Big Friend Guggen Music* taw spettaklu lill-vistitaturi permezz ta' Banda, *Group Marches* u Wirjiet.

Il-Festival Marittimu attira' eluf ta' nies ġewwa l-lokalita' tagħna. Bir-risultat sodisfaċenti miksub ta' dan l-avveniment, inkoraġġixxa lill-Kunsill u lill-Kumitat Eżekuttiv sabiex jimxu 'l quddiem b'avvenimenti kulturali ożra. Dan il-Festival iġġenera wkoll attivita' ekonomika kbira permezz tar-ristoranti u kioks li hemm matul ix-xatt.

Dan l-avveniment kulturali seta' jiġi mtella' permezz ta' l-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Kunsill Lokali Isla u s-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubblika u Informazzjoni, kif ukoll mgħejun mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, MTA, Heritage Malta, Simonds Farsons Cisk plc, Cassar Ship Repair Ltd, Malta Shipyards, Grand Harbour Marina (Vittoriosa), Air Malta plc u CT Park Ltd.

### Qasam Soċjali

F'Diċembru 2009 inżammet attivita' għall-Anzjani għaż-Żmien tal-Milied, fejn ittellgħet serata ta' divertiment kif ukoll tqassmu rigali. Ir-residenti anzjani li ma joħorġux mid-dar jew inkitbu fil-Kunsill, ingħataw rigali ukoll.

## Ġemellaġġi

### Żjara f'Malta mill-Comune di Cassino Italja

F'Awwissu, il-Comune di Cassino flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ żaru Malta. Din il-mawra servithom sabiex jitgħallmu l-kultura ta' pajjiż ieħor. Matul din il-mawra iż-żgħażagħ kellhom l-opportunita' li jitgħallmu l-lingwa Ingliża minn lecturer ta' l-EC Language School kif ukoll kienu organizzati diversi ħarġiet kulturali.

Din iż-żjara saret permezz ta' ftehim li l-Kunsill għandu mal-Belt ta' Cassino, permezz tal-Ġemellaġġ ma' l-istess Belt.

Kienet esperjenza sabiħa fejn bis-saħħa t' hekk komplejna nsaħħu r-relazzjoni ta' ħbiberija li hemm bejn il-lokal tagħna u l-lokal ta' Cassino.

## Edukazzjoni

Matul is-sena skolastika inżammu diversi laqgħat mal-Kap ta' l-iSkola fejn rajna kif nistgħu naħdmu flimkien fil-qasam edukattiv u sportiv. Għaddejin diskussjonijiet dwar proposta taħt il-programm Comenius Regio iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja.

## Sports u Żgħażagħ

Applikajna biex nipparteċipaw fl-iSkema Attivitajiet Sportivi imnedija mill-Gvern Ċentrali u l-Kunsill Malti għall-iSport. Għalkemm l-applikazzjoni tagħna ġiet milqgħuha u minkejja l-isforzi kollha, ma kellnix parteċipazzjoni u għal daqstant dan il-proġett kellu jaqa'.

## Amministrazzjoni:

### Djarju 2010

Ħarġet it-tielet edizzjoni tad-Djarju u Direttorju għas-sena 2010 maħruġ mill-Kunsill Lokali Isla. Il-kummenti tal-ħarġa 2009 inkoraġġatna sabiex nippubblikaw din it-tielet ħarġa b'informazzjoni fuq il-ħidma tal-Kunsill u artikli oħra. Għal darb' ohra inkludejna informazzjoni bl-ingliż għall-benefiċċju tar-residenti barranin fl-Isla kif ukoll għal dawk li jżuruna. Nirringrazzjaw lil kull min ta kontribut biex tejjibna dak li għamilna fl-ewwel żewġ edizzjonijiet.

### Ftuh ta' Uffiċini Amministrattivi

Permezz ta' l-emendi fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali, l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill b'effett mis-17 ta' Ottubru 2009 qed ikunu miftuħa għall-pubbliku nhar ta' Sibt ukoll bejn it-8.30 am u l-11.30 am

### Korsijiet tal-Kompjuters

Wara l-ftuh taċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tgħalim tal-Kompjuters, il-Kunsill imbarka fuq proġett ta' numru ta' korsijiet.

Wara li nżammu korsijiet ta' My Web (Basic), Kors ghat-Tfal u ECDL, matul ix-xhur tas-Sajf inżammu numru ta' korsijiet għat-tfal "Etfal Part 1 u 2" kif ukoll "Learn IT Part 2 u 3".

Diġa' bdew id-diskussjonijiet sabiex għas-Sena 2010 jinżammu numru ta' korsijiet ta' Livell Bażiku u Intermedju.

Korsijiet oħra li ser jinżammu matul l-2010 jittrataw il-Lingwa Franċiża (Livell Baziku, Intermedju u Avvanzat u korsijiet ta' Krafts.

## Ambjent:

### Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf

F’ Awwissu 2009, il-Gvern nieda inizjattiva imsejħa Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsilli kienu imħeġġa biex joħolqu attivitajiet b’idejat innovattivi, kampanji t’ edukazzjoni u inizjattiv oħra fil-qasam ambjentali.

Il-Kunsill qabel unimament li għandna nieħdu sehem attiv f’din l-iskema biex nagħtu dehra aħjar lill-ambjent fil-lokal kif ukoll jinħolqu inizjattivi għar-residenti.

Il-Kunsill iffoka fuq ħames (5) aspetti ewlenin fosthom:

1. Kampanja Edukattiva għar-Residenti bl-involviment tal-*WasteServ* u tqassim ta’ boroż għas-separazzjoni ta’ l-Iskart.
2. Attivta’ ta’ tindif (*Clean Up day*) bil-kollaborazzjoni ta’ Senglea Nursery u involviment tat-tfal u żgħażagħ mil-lokal u mill-istess Nursery. Ser jitnaddaf l-Għar ta’ *Villa Davies* u l-pjazza ta’ quddiemha fi Triq l-Arkati u Żebgħa tal-grada ta’ l-istess Għar. Ser isir tindif u qtugħ ta’ ħaxix ħażin fi Triq is-Sirena, Dawrett ix-Xatt, Xatt Juan B. Azopardo u l-Grawnd tal-futbol.
3. Skema għar-residenti sabiex jissebħu l-gallarijiet permezz ta’ *hanging pots* u pjanti.
4. Żbir ta’ Ficus, Palm u taħrit ta’ ħamrija u tindifa ġenerali fi Triq il-Ħabs l-Antik u quddiem it-Terrace fi Triq it-Tarżna.
5. Dehra ta’ ambjent aħjar permezz ta’ tkaħħil u żebgħa fi Triq il-Ħabs l-Antik.

Il-programm li nżamm nhar it-18 t’Ottubru 2009 biex nagħlqu din il-Kampanja kienet tinkludi:

- Preżentazzjoni mill-*MRRA*, *Health Promotion Unit, Animal Welfare* u l-*WasteServ*
- Tqassim ta’ boroż griżi għas-separar ta’ l-iskart u tqassim ta’ żerriegħa
- Tqassim ta’ *hanging pots* u pjanti mill-Kunsill (Skema għar-residenti biex jissebbaħ l-ambjent tat-toroq).
- Kunċert permezz ta’ kor u orkestra miċ-Ċentru Kulturali Russu

Dawn l-inizjattivi hawn fuq imsemmija ngħaqdu mat-Tindif ġenerali fil-lokalita’, Indafa fil-*Playing Fields* u Ġonna Pubbliċi.

Kull lokalità li ipparteċipat ġiet assessjata fuq dawn il-kriterji:-

i) indafa ġenerali fil-lokalità (50 punt)
ii) kampanja edukattiva fil-lokalità favur l-indafa (40 punt)
iii) rispons għall-ilmenti tal-pubbliku dwar l-indafa (50 punt)
iv) attività ta’ tindif bis-sehem tar-residenti u għaqdiet mhux governattivi lokali (40 punt)
v) numru ta’ *bring-in sites* fil-lokalità (15-il punt)
vi) indafa fil-*playing fields* u ġonna pubbliċi fil-lokalità (15-il punt)
vii) separazzjoni tal-iskart (20 punt)
viii) żamma ta’ *bring-in-sites* (20 punt)
ix) provvediment ta’ *bins* u kwalità tal-istess *bins* (20 punt)
x) idejat innovattivi dwar kif tinżamm l-indafa fil-lokalità u inizjattivi oħra (30 punt).

Il-punti ingħataw minn ġurija indipendenti li bl-għajnuna tal-impjegati tal-*Field Services Unit* daru l-lokalitajiet kollha għal minimu ta' tliet (3) darbiet fuq perjodu ta' xahrejn u nofs – mill-bidu ta' Awwissu sa' nofs Ottubru 2009.

Ingħataw € 60,000 fi premijiet. Il-lokalità li ġiet fl-ewwel post ingħatat € 30,000 filwaqt li t-tliet lokalitajiet oħra li ġew fit-tieni, t-tielet u r-raba' post ingħataw € 10,000 kull lokalità.

**B' sodisfazzjon kbir nħabbru li ġejna fir-raba' (4) post fost sittin (60) Kunsill Lokali parteċipant taħt din l-iskema. Waqt iċ-ċerimonja li nżammet nhar it-30 ta' Novembru 2009 tħabbru l-ewwel erba' (4) postijiet. Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onor Dr. Chris Said, ippreżenta € 10,000 lis-Sindku Joe Casha sabiex dawn jintużaw fi proġett li jsebbaħ l-ambejnt tal-lokalita'.**

## Tiġdid fil-Kunsilli Lokali:

Wara li sar il-proċess ta' konsultazzjoni għar-Riforma tal-Kunsilli Lokali, fit-30 ta' Settembru 2009 il-Parlament b'mod unanimu approva l-abbozz numru 27 li jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363). Dan l-abbozz jirrifletti l-emendi leġislattivi li ġew approvati fil-proċess tar-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

- Avviż Legali 278 – 20 ta' Ottubru, 2009
  - stabilixxa l-1 ta' Novembru għad-dħul fis-seħħ tad-disposizzjonijiet tal-artikoli kollha tal-Att XVI ħlief għal 4 partikolari.

- Artiklu 4 (li jemenda Artiklu 3 tal-Att prinċipali):
- Artiklu 19 (m): u
- Artiklu 19 (o) (li jemendaw Artiklu 33 tal-Att Prinċipali): u
- Artiklu 38 (li jemenda Artiklu 66 (1) tal-Att Prinċipali)

## Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

### *Town Twining Citizens' Meeting*

Bejn id-29 t'Ottubru u l-4 ta' Novembru 2009, il-Kunsill Lokali Isla tella' '*Town Twinning Citizens' Meeting*' hekk kif ipprovata mill-EACEA (*Educational, Audiovisual, & Culture Executive Agency*). Dan il-proġett kellu s-sapport finanzjarju permezz tal-ko-finanzjament mis-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni. Sitta u sittin (66) parteċipant fosthom Sindki, Kunsilliera u ċittadini mill-muniċipalitajiet ta' Cassino, Anversa degli Abruzzi, Fara San Martino, Pescina, Scanno u Villalago flimkien ma' numru ta' parteċipanti Sengleani ipparteċipaw għall-din il-konferenza.

It-tema prinċipali u l-iskopijiet ta' dan it-*Town Twinning Citizens' Meeting* kien sabiex inħeġġu liċ-ċittadini jkunu attivi. Numru ta' prijoritajiet Ewropej oħra kienu ukoll inklużi fosthom promozzjoni ta' l-Istorja, Wirt u Kultura, kif ukoll dawk l-affarijiet li huma komuni u li jagħqdu lil-ibliet parteċipanti, multi-lingwiżmu, relazzjonijiet Ewropej, problemi soċjali, djalogu interkulturali, promozzjoni sabiex inżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ fil-politika' kif ukoll il-krejattivita' u innovazzjoni.

Il-metodi li ntużaw sabiex ittellat din il-konferenza kienu preżentazzjonijiet, diskussjonijiet u *workshops*. Fl-aħħar ta' kull sessjoni kien isir *winding up* flimkien ma' rapurtaġġ ta' dak li ġie diskuss matul is-sessjonjiet.

Inżammu wkoll bosta attivitajiet kulturali fosthom Dawra ma' l-Isla fil-għaxija kif ukoll żaru postijiet storiċi madwar il-gżejjer Maltin ( Il-Belt, l-Imdina, Ħal-Lija) u Għawdxin. Inżammet ukoll wirja ta' talenti ta' snajja tradizzjonali sabiex nippromwovu l-kultura tal-lokalitajiet parteċipanti. Din ma kienetx biss esebizzjoni imma wkoll wirja ta' metodi u tekniki li ntużaw. Din kienet opportunita' sabiex imqajmu kuxjenza ta' arti u snajja tradizzjonali li ma tantx għadhom daqstant popolari kif ukoll ninkoraġġixxu l-krejattivita' u innovazzjoni. Inżamm dwett mis-Soċjeta' Filarmonika La Vincitrice.

L-NGO's lokali iddedikaw ħin sabiex jilqgħu lill-parteċipanti biex ikoll flimkien jaqsmu esperjenzi kif ukoll organizzaw numru ta' avvenimenti biex jippromwovu s-sehem attiv taċ-ċittadini fil-komunita'. Dawn l-attivitajiet irrinfurzaw l-abbilitajiet tal-parteċipanti billi identifikaw il-materjal huma stess minflok ħabu esperti biex jagħmlu preżentazzjoni.

Dan il-programm kien immirat sabiex ikun hemm bilanċ bejn il-*workshops*, diskussjonijiet u attivitajiet. Permezz tal-preżentazzjonijiet tal-parteċipanti u residenti tal-lokal dwar kultura, storja u wirt, ikkontribwixxu għal iżjed potenzjal ta' tgħalim matul il-konferenza.

L-involviment tal-komunita' offra esperjenza kulturali differenti u fl-istess ħin serva wkoll ta' integrazzjoni bejn ir-residenti ma' l-lokalitajiet parteċiapanti. Permezz ta' dawn, il-parteċipanti barranin kellhom l-opportunita' li jaraw l-affarijiet komuni li hemm mal-komunita' lokali. F' dan ir-rigward, il-prinċipji tal-Kostituzzjoni Ewropeja u kif ukoll is-sens li tħossok Ewropew kien fatt reali. Dawk li ipparteċipaw ikkontribwixxew għal proċess ta' integrazzjoni fi ħdan id-diversita' ta' Ewropa Magħquda. Aħna ninsabu ċerti li din il-ko-operazzjoni ta' bejnitna ser tiżviluppa f'relazzjoni soda u dewwiema li ser tkun tista' tagħti kontribut fit-tisħiħ ta' valuri fil-ġemellaġġi u lejn unifikazzjoni għaċ-ċittadini Ewropej.

Fost il-benefiċċji li ħarġu matul id-diskussjonijiet u *workshops*, il-Komunitajiet preżenti waslu fi ftehim għal Dikjarazzjoni Konġunta:-

"*Given the historical links and communalities and the importance of twinning agreements which consolidate relations between towns and eventually between States and their citizens, opening new scenarios of reciprocal relations that can have social, cultural, artistic, economic, sport values together with tourism promotion, the Town Councils of Isla, Cassino, Anversa degli Abruzzi, Fara San Martino, Pescina, Scanno and Villalago, shall commit themselves to continue the work initiated in the Malta Conference and intensify the contacts into a strong relationship of friendship in the European point of view. The same town Councils also commit themselves to set up a joint co-ordination commission, made up of four persons, which are being designated in the following days by the Mayors*".

Hija l-intenzjoni tal-Kunsill sabiex ikompli jaħdem u jaħtaf l-opportunitajiet li jġib magħhom il-*Europe for Ctizens'* għal proġetti relatati mat-*Town Twinning Citizens' Meeting*. Permezz ta' *network* bejn il-belt ġemellata magħna u dawk li għadhom fil-proċess ta' ġemellaġġ, qegħdin inħarsu lejn l-involviment tal-komunita', u nindirizzaw proġetti futuri fi ħdan l-EACEA u programmi oħra Ewropej.

Għal dan il-proġett l-Unjoni Ewropeja approvat fond ta' € 9,418.12 kif ukoll ħadna ko-finanzjament ta' € 5,250 mis-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni

<u>Med Programme 2007 – 2013</u>

2InS Clusters – Proġett fuq Inovazzjoni għall-SME's u E-Business. Wara l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, dan il-proġett għadda għat-tieni stadju ta' evalwazzjoni fejn f'April 2010 inkunu nafu jekk ġiex approvat għall-implimentazzjoni.

<u>Leonardo da Vinci – Lifelong Learing</u>

Dan il-progett li jiffoka fuq taħriġ tal-Kura Vokazzjonali għall-Anzjani (*Elderly Care Vocational Training and Rehabilitation System ECV +*), ġie approvat mill-Unjoni Ewropea u bħalissa qegħdin f'diskussjonijiet mal-*Lead Partner* u s-sieħba l-oħra dwar l-implimentazzjoni tal-programm.

## Youth in Action

Flimkien ma' l-muniċipalita' ta' *Tours* ġewwa Franza bħala *Lead Partner* ġejna magħżulin biex nieħdu sehem fi proġett *CREA JARDIN* bejn 4 pajjiżi ewropej, liema proġett kien miftuħ għal żgħażagħ bejn it-18 u l-25 sena. It-tema ewlenija tal-programm kienet l-ipreserver u titjieb fil-kwalita' taż-żamma ta' ġonna u ambjent fil-kuntest Ewropew. Permezz ta' dan il-proġett 2 żgħażagħ mill-lokal tagħna, Annalise Dark, Maria Vassallo flimkien mal-*leader* Kristabel Mercieca, qattgħu 20 ġurnata ġewwa Franza f'Awissu 2009 flimkien ma' żgħażagħ minn *Tours*, *Brasov* (Rumanija) u *Evora* (Portugall) fejn qasmu esperjenzi varji ma' żgħażagħ oħra kif ukoll inżammu numru ta' *workshops*.

## MEUSAC

Fuq inizjattiva tal-*MEUSAC* inżammet Konferenza f'Malta bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009 – "*Zooming on Sustainability*" *Thematic Networking of Twinned Towns – Europe for Citizens'*. Għal dan il-għan ġew mistiedna Kunsilli Maltin u Għawdxin flimkien ma' Kunsilli li qegħdin ġemellati magħhom jew fil-proċess li jsir ġemellaġġ. Il-Kunsill Lokali Isla laqa' din is-sejħa u flimkien ma' *Holyhead Town Council (Wales)* ħa sehem attiv fl-imsemmija konferenza.

# Skemi mħabbra mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali

## Skema *Energy Saving*

Il-Kunsill applika biex jinstalla sistema ta' Pannelli Fotovoltaiċi fuq l-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill. Dan sabiex jitnaqqas il-konsum ta' l-elettriku, jitnaqqsu l-emmissjonijiet, jiġi ikkrejat spiża fissa fl-elettriku kif ukoll inkunu ta' eżempju għar-residenti fl-użu ta' l-energija alternattiva. Taħt din l-iskema l-Kunsill ingħata € 7,900.

## Skema Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet

Sabiex is-sala tal-komunita' tkun aċċessibbli għal-kulħadd, il-Kunsilll ressaq proposta biex jiġi installat *Platform Lift*. L-għanijiet ta' dan il-lift huma sabiex persuni b' diżabilita' ikunu inklużi fis-soċjeta' kif ukoll ikun hemm parteċipazzjoni wiesgħa tal-komunita' fil-laqgħat, seminars u attivitajiet oħra tal-Kunsill. Din il-proposta ġiet milqgħuha u ser ningħataw is-somma ta' € 3,937.50 la darba jkun hemm l-approvazzjoni tal-KNPD.

## Skema Inizjattivi għall-Attivitajiet 2010

Wara s-suċċess tal-Festival Marittimu 2009, il-Kunsill ressaq proposta biex jerġa' jtella' dan il-Festival fl-2010 u jkun parti mill-kalendarju annwali tal-Kunsill fejn jidħlu Attivitajiet Kulturali fil-pajjiż. L-applikazzjoniji ġiet approvata għall-fond taħt din l-iskema u ser ningħataw is-somma ta' € 7, 500.

## Fondi Speċjali

Matul l-2009, il-Gvern ħabbar żewġ skemi taħt dan il-fond. L-ewwel proposta imressqa mill-Kunsill kienet tinkludi żewġ proġetti – Tisbiħ tax-Xatt Juan B. Azopardo minn Triq it-Tarzna sa' Triq Dingli Cornelio (rikostruzzjoni ta' bankini, tisbiħ tal-*promenade* u l-moll, dawl mill-art, *street furniture* u xogħol ta' *resurfacing*) – Tisbiħ fi Triq l-Arkati (pavimentar, restawr ta' l-arkati, restawr ta' l-Arzella ta' Villa Davies, dawl mill-art u *street furniture*). L-ispiża ta' dawn iż-żewġ proġetti jammontaw għall- € 788,040 u € 156,860 rispettivament. Wara li ma ġejnix eleġibbli għal dawn il-fondi minħabba l-ispiża kapitali msemmija, il-Kunsill reġa' issottometta applikazzjoni oħra biex issir rikostruzzjoni tal-bankina b' dawl mill-art man-naħa residenzjali f' Xatt Juan B. Azopardo minn Triq it-Tarzna sa' Triq Dingli Cornelio. Dan il-proġett hu stmat li jiswa € 73,160. Għal darb' oħra din l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata.

Madanakollu il-Kunsill qed jagħmel pressjoni kontinwa biex ix-xogħol meħtieġ f' Xatt Juan B. Azopardo isir bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u entitajiet oħra. Intant saru diversi talbiet u laqgħat mal-Ministeru ta' l-Infrastruttura, mas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, mas-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu, GHRC (*Grand Harbour Regeneration Committee*), ADT (Malta Transport) u l-MMA (*Malta Maritime Authority*). Għalkemm hemm il-pjanijiet fuq dan il-proġett, għadu ma ġiex stabbilit meta dan jista' jinbeda minħabba n-nefqa kapitali meħtieġa. Minn naħa tagħna ser inkomplu nagħmlu dak kollu possibli sabiex dan il-proġett jitwettaq għal ġid tal-komunita', għall-Industrija Turistika kif ukoll għar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

## Konkluzzjoni

It-tieni sena ta' ħidma ta' din is-sitt leġislatura kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, il-Kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod biex wettaq il-ħidma tiegħu mill-aktar mod effettiva u effiċjenti. Issa jmiss li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bdejna.

Grazzi mill-qalb li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita'.

| | |
|---|---|
| **Joseph Casha** | **Arthur Perici** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |